MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 89/2011

**Appell Nru: 89/2011**
**Il-Pulizija**
**[Spettur A. P. Miruzzi]**
**Vs**
**Salvina Libreri**

Illum 17 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Salvina Libreri, [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 65158 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fil-25 ta' Settembru, 2010, bhala bejjiegha waqt l-attivita` ta' Zejt iz-Zejtun – Zejtun, provdiet jew offriet li tipprovdi lill-persuna ohra u/jew esponiet ghal bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn cash resgister fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Sked ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Frar, 2011, fejn il-Qorti Wara illi rat l- artikoli 51 u 77(o) u 82 u tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja u kkundannatha ghal multa ta’ seba` mitt Euro (€700).
Rat ir-rikors tal-appellanti Salvina Libreri, pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-23 ta’ Frar, 2011 li bih talbet lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull akkuza.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellanti Salvina Libreri li huma is-segwenti:
Illi l-aggravju huwa car u manifest u jinsab fil-fatt illi l-attivita` li kienu qed jizvolgu l-appellanti u habibitha l-voluntiera l-ohra ma tinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 5 ta’ l-Att dwar it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud kemm ghaliex nnifisha dina l-attivita` ma kinitx attivita` ekonomika jew ta’ negozju u kemm anke ghaliex il-promotrici ta’ dina l-iskema, ossija l-Kunsill Lokali Zejtun, hija entita` pubblika u din l-attivita` ma taqax fil-lista indikata fl-iskeda relattiva ghall-artikolu 5 bhala wahda mill-attivitajiet li, conrario senso, jaqghu that ir-regim tal-VAT.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-ahhar snin, il-Kunsill Lokali taz-Zejtun organizza festa kulturali li jisimha Zejt iz-Zejtun illi ghandu l-ghan li jippromovi t-turizmu ntern u jiffesteggja l-aspetti kulturali u patrimonjali tar-rahal taz-Zejtun. Waqt din il-festa jkun hemm ghal bejgh oggetti materjali u ikel li kollha jkunu koperti bil-VAT u l-bejjiegha jbieghu dawn l-oggetti biss jekk jottjeni minn qabel permess mill-Kunsill. Peress li l-Kunsill kien jaf li l-knisja Arcipretali ta’ Santa Katarina kien jenhtieg numru ta’ fondi biex tigi restawrata, talab lill-Arcipriet iressaq zewg voluntiera biex jippromovu ghasel u replicas ohra bis-somma ta’ €5 ghal kull item liema somma jmorru direttament ghand l-Arcipriet biex jghinu fil-fondi tar-restawr tal-knisja.

L-appellanti kienet wahda minn dawn iz-zewg volontiera li tghin regolarment lill-Arcipriet u dak inhar ta' l-okkazjoni ta' Zejt iz-Zejtun volontarjament kienet qed tassisti flimkien ma voluntiera ohra ghal bejgh ta' ghasel u oggetti ohra miz-Zejtun. Irrizulta pero' illi minkejja illi din l-attivita setghet kienet ezenti mill-hlas tal-VAT, l-organizzaturi la talbu u lanqas ottjenew t-tali ezenzjoni ghal din l-attivita. L-appellanta ma kienet taf xejn b'dan. Hija biss ivvolontorjat sabiex toghod wara l-bank u tbiegh xi haga ghal beneficcju tal-knisja. Ma kienx kompitu taghha illi tfittex ghall-ezenzjoni mid-Dipartiment tal-VAT imma se mai kienu l-organizzaturi jew min baghatha biex tbiegh dawn l-oggetti illi kellu jiehu fuqu r-responsabilta ta' tali ezenzjoni.

Kif qalet Joan Agius il-Vici Sindku u organizzatur ta' l-attivita, l-appellanta kienet wahda minn dawk il-volontiera tal-knisja u giet assenjata tbiegh xi prodotti. Agius dehrilha illi peress illi dina kienet xi haga volontarja u filantropika hasset illi ma kelliex ghalfejn titlob il-permess tad-Dipartiment tal-VAT. Din il-Qorti jidhrilha illi hawn qieghed l-izball peress li anke f'attivitajiet bhal dawn il-permess dejjem ghandu jintalab u sta ghad-Dipartiment jezentax l-attivita mill-hlas tal-VAT stante l-volontarjeta u l-aspett filantropiku ta' l-okkazjoni. Pero' ghal dak li jirrigwardja l-appellanta dina kienet sempliciment volontiera li nzertat dak il-hin wara l-bank assenjata biex tbiegh xi prodotti zghar ghall-beneficcju tal-knisja u l-Qorti ma jidrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandha ssib xi htija u tghabbi lill-appellanta bir-responsabilta jew nuqqas ta' haddiehor.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddiciedi li tilqa' l-appell, tirrevoka s-Sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanta mhux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha u konsegwentament tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------